**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 26 ta` April 2018**

**Kawza Nru. 6**
**Rikors Gur. Nru. 241/2018JZM**

**Catalano Shipping Services, socjeta` registrata Franza, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-avukat Dottor Kevin Dingli u l-avukat Dottor Tonio Grech**

***kontra***

**Il-Commercial Yacht bl-isem ta` m.y. INDIAN EMPRESS**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-14 ta` Marzu 2018 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk:–

*Illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR 60, 873.43), rappresentanti prezz ta` provvisti konsenjati fuq il-bastiment intimat u servizzi moghtija lill-istess bastiment intimat u spejjez legali fi Franza.*

*Illi l-provvisti konsenjati, u serivzzi moghtija, lill-bastiment intimat huma dawk indikati fil-fatturi Dok. A, Dok. B, Dok. C u l-ispejjez legali fi Franza indikati fil-fattura Dok. D.*

*Illi l-bastiment intimat minkejja li gie interpellat sabiex ihallas l-ammont minnu dovut baqa` inadempjenti;*

*Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehema tar-rikorrenti, il-bastiment intimat m`ghandux ebda ebda eccezzjonijiet x`jissolleva kontra t-talbiet attrici;*

*Ghaldaqstant, huwa applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smigh tal-kawza a tenur ta` l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Jghid ghalhekk, il-bastiment intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet, ordnijiet u/jew procedura necessarji u opportuni :-*

*1. Taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta` l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Proceduri Civili;*

*2. Tiddikjara lill-bastiment intimat m.y. Indian Empress (Numru IMO 1006245) debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR 60, 873.43), rapprezentanti prezz ta` provvisti konsenjati fuq il-bastiment intimat u servizzi moghtija lill-istess bastiment intimat, u spejjez legali fi Franza, u konsegwentament;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta` sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR 60,873.43),*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar `il fuq minn ghaxar metri (kawtelatorju) Numru 1736/17, u bl-interessi kummercjali skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-bastiment intimat li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota li pprezent l-konvenut tramite d-difensur tieghu, li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut tat-talbiet attrici kif dedotti, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**1. Tiddikjara lill-bastiment konvenut m.y. Indian Empress (Numru IMO 1006245) debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR 60, 873.43), rapprezentanti prezz ta` provvisti konsenjati u servizzi moghtija lill-istess bastiment konvenut, kif ukoll spejjez legali fi Franza.**

**2. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta` sittin elf, tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR 60,873.43), kif fuq inghad.**

**3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**